MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru. 568/2006

**Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Etienne Mizzi**
**Jonathan Felice**
**Clayton Fenech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Etienne Mizzi ta' 27 sena, bin Michael u Salvina nee' Cassar, imwieled fil-Pieta', fl-10 ta' Gunju 1978 u residenti Blokk X2, Flat 3, Triq id-Deheb Fin, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 436678(M) u l-imputat Jonathan Felice ta' 17-il sena, bin Emanuel u Mary Anne nee' Bugeja, mwieled fil-Pieta' fit-12 ta' Awwissu 1988 u residenti Blokk 2 Flat 13, Triq id-

Deheb Fin, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 389288(M) u l-imputat Clayton Fenech ta’ 16-il sena, bin Joseph u Maria Dolores nee’ Cassar, imwieled fl-4 ta’ Ottubru, 1989 u residenti 103, Triq il-Vitorja, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 461189(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fis-7 ta’ Gunju 2006 ghall-habta tas-2.00 ta’ filghodu bil-hsieb li jikkommettu serq mill-hanut bl-isem ‘Convoy Bar’ sitwat fil-Qasam Industrijali ta’ Hal-Luqa wrew dan il-hsieb billi b’atti esterni taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt; liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku dan is-serq sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-hin.

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Martin Degabriele liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Lil Jonathan Felice wahdu talli fis-7 ta’ Gunju 2006 ghall-habta tas-2.00 ta’ filghodu u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer saq vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAJ623 minghajr licenzja mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta.

B’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ jew garanzija ta’ terzi persuni bi ksur tal-artiklu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Etienne Mizzi wahdu talli fis-7 ta’ Gunju 2006 ghall-habta tas-2.00 ta’ filghodu u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer bhala l-persuna li fuqha hemm irregistrata l-vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni IAJ623 ippermetta lil Jonathan Felice li jsuq l-istess vettura meta ma kellux licenzja mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta u meta ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ jew garanzija ta’ terzi persuni.

Lil Etienne Mizzi u Jonathan Felice wahidhom bhala persuni li ftehmu jew accettaw li jbieghlu jew jixtru vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAJ623 naqsu li jaghtu avviz bil-miktub fiz-zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta’ l-imsemmija vettura.

Etienne Mizzi wahdu talli fl-istess data u cirkostanzi, kkommetta reat ta’ tentattiv ta’ serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ xahar prigunerija sospiz ghal sena datata d-19 ta’ Dicembru 2005 imposta fuqu mill-Magistrat Dott. J. Padovani Grima LL.D.

Lil Etienne Mizzi u Jonathan Felice wehidhom talli saru recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49,50 u 289(1).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mill-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 15 (1)(a)(b)(2)(3) tal-Kap.65, u tiskwalifika lil Etienne Mizzi kif ukoll lil Jonathan Felice mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 2 ta’ Mejju 2007 (esebita a fol. 174 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

<u>FIL-KONFRONT TA’ CLAYTON FENECH :</u>

(a) fl-artikoli 41 (1) (a), 261(a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;

<u>FIL-KONFRONT TA’ JONATHAN FELICE :</u>

(a) fl-artikoli 41(1) (a), 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 (1) (2) tal-Kap. 104 ;
(d) fl-artikoli 49, 50, 28B, 289 tal-Kodici Kriminali ;

FIL-KONFRONT TA’ ETIENNE MIZZI :

(a) fl-artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 15(1) (a) tal-Kap. 65 u 3 (1) (2) tal-Kap. 104 ;
(d) fl-artikoli 49, 50, 28B, 289 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta’ Lulju 2007, l-imputati ddikjaraw li huma m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz tagghom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni registrata mill-imputat Etienne Mizzi waqt l-udjenza tas-07 ta’ Novembru 2008 fejn huwa ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2009 l-imputat Etienne Mizzi rtira l-ammissjoni minnu registrata fl-udjenza tas-07 ta’ Novembru 2008 in kwantu din kienet riferibbli ghar-raba’ imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat l-ammissjoni maghmula mill-imputat Clayton Fenech ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-30 ta’ Novembru 2009.

Rat il-pre-sentencing report imhejji fil-konfronti tal-imputat Etienne Mizzi (inserit a fol. 236 tal-process).

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Ili dan il-kaz jirrigwarda attentat ta’ serq li allegatament sehh fis-7 ta Gunju 2006 ghall-habta tas-2.00am mill-fond Convoy Bar li jinsab sitwat fil-Qasam Industrijali ta Hal-

Luqa. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta li fl-imsemmija data ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu daqqet l-alarm tal-imsemmi fond u PC236 (xhieda inserita a fol. 88 tal-process), PS 679 (xhieda relattiva inserita a fol. 82 tal-process), PS 265 (xhieda inserita a fol. 90 sa 91 tal-process) u PC1134 (xhieda inserita a fol. 92 u 93 tal-process) marru fuq il-post akkompanjati minn sid il-hanut, certu Martin Degabriele (xhieda inserita a fol. 94 u 95 tal-process) u minn ibnu Kim Degabriele (xhieda nserita a fol. 96 u 97 tal-process) fejn instabet vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 623 b'zewg persuni fiha, li gew identifikati mill-imsemmija xhieda bhala l-imputati Jonathan Felice u Clayton Fenech. Mix-xhieda ta PC236 Mario Camilleri jirrizulta li kien l-imputat Jonathan Felice li kien qed isuq l-imsemmija vettura u huwa kien qed isuq b'lura izda l-imsemmi kuntistabbli sakkarhom bil-vettura tieghu sabiex ma jibqghux hergin. Saret tfittxija fuq il-persuna taz-zewg imputati Felice u Fenech kif ukoll fil-vettura li huma kienu fiha u fl-imsemmija vettura instabet lieva fuq is-seat ta' wara. L-imputat Etienne Mizzi gie arrestat ftit 'il boghod mill-post, precizament fl-akwati tal-Mambra Electronics. Mill-provi rrizulta li mill-fond ma ntlahaq insteraq xejn izda kien sar tentattiv ta' sgass fil-bieb tal-fond u kienet ukoll giet sgassata tieqa. Mix-xhieda ta' Martin u Kim Degabriele irrizulta li fil-fond kien hemm apparat b'valur ta' madwar Lm7,000, magna tas-sigaretti li kien fiha sigaretti b'valur ta' madwar Lm500 u madwar Lm30 fil-cash register.

Kif intqal aktar 'il fuq l-imputat Etienne Mizzi ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghar-raba'(4) akkuza u cioe' dik li kkommetta tentattiv ta serq aggravat waqt perijodu operattiv ta sentenza sospiza moghtija fid-19 ta' Dicembru 2005 ta' xahar prigunerija sospizi ghal sena. Illi effettivament kopja ta' din is-sentenza ma tinsabx inserita in atti u l-anqas ma saret id-debita prova tal-identita' in kwantu jirrigwarda din is-sentenza. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma tistghax tinghad li tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-imputazzjoni. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet l-ohra addebitati lill-

imputat Etienne Mizzi dawn gew ammessi mill-istess imputat u inoltre jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tieghu kemm mill-istqarrija minnu rilaxxjata (inserita a fol. 66 u 67 tal-process) kif ukoll mill-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi salv ghall-imputazzjoni li huwa kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza mill-liema mputazzjoni huwa ser jigi liberat.

Ghall-finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Etienne Mizzi l-Qorti qieset fit-tul il-kontenut tal-pre-sentencing report imhejji fil-konfronti tieghu fejn giet suggerita piena alternattiva ghal dik karcerarja anki minhabba l-kundizzjoni medika tal-imputat izda l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni tal-karattru refrattarju tal-imputat skond ma jirrizulta mill-fedina penali tieghu kif ukoll tal-fatt li huwa nonostante li inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda huwa naqas milli jaghmel dan, jidrilha li l-piena ta' servizz fil-komunita' suggerita mil-Probation Officer m'hijiex il-piena idoneja fic-cirkostanzi. Mill-atti jirrizulta li l-kundizzjoni medika tal-imputat bl-ebda mod ma impeditu milli jkompli fit-triq tal-kriminalita' u fil-fatt anki fil-mori ta dawn il-proceduri wara li huwa inghata l-liberta' provizorja huwa kkommetta reati ohra bhal dawn li qed jinstab hati taghhom fil-kaz odjern u dan skond ma jidher mill-kopja tas-sentenza moghtija fil-konfronti tieghu fil-31 ta' Lulju 2007 li kopja taghha tinsab inserita a fol. 179 et sequitur ta' dawn l-atti. Il-Qorti sejra ghalhekk timponi piena karcerarja effettiva fil-konfronti tal-imputat Etienne Mizzi izda din ser tkun aktar vicin il-minimum permissibbli mil-ligi u dan tenut kont tal-fatt li huwa ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet billi ammetta l-involviment tieghu fil-mument li rrilaxxja l-istqarrija. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni, u cioe' dik ta' hsara volontarja ghandha titqies bhala mezz ghal fini tal-ewwel imputazzjoni, u cioe' dik ta' tentattiv ta' serq aggravat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Clayton Fenech ukoll ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u l-Qorti jidrilha li fi kwalunkwe kaz il-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tieghu u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu. Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat kien minorenni fid-data li huwa kkommetta ir-reati li taghhom qed jinstab hati kif ukoll il-fatt li huwa kellu fedina penali netta fl-imsemmija data u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja sospiza. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni, u cioe' dik ta' hsara volontarja, ghandha titqies bhala mezz ghal fini tal-ewwel imputazjoni , u cioe' dik ta' tentattiv ta' serq aggravat.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-imputat Jonathan Felice salv ghall-imputazzjoni fejn huwa qed jigi akkuzat flimkien mal-imputat Etienne Mizzi li ftiehem jew accetta li jbiegh jew jixtri vettura tal-ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 623 minghajr ma avza bil-miktub lil Kummissarju tal-Pulizija. L-unika prova migjuba mill-Prosekuzzjoni fir-rigward fil-fatt hija dak li qal l-imputat Etienne Mizzi fl-istqarrija tieghu u din m'hijex ammissibbli bhala prova fil-konfronti tal-imputat Etienne Mizzi.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet ta tentattiv ta' serq aggravat u hsara volontarja dawn jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fil-konfronti tal-imputat Jonathan Felice stante li PS679 u PC236 kif ukoll Martin u Kim Degabriele lkoll identifikaw lill-imputat Jonathan Felice bhala wiehed mill-persuni li kienu qed jippruvaw jitilqu minn fuq il-post fejn sar it-tentattiv ta' serq. Il-Qorti jidrilha li il-fatt li l-imputat Felice instab qed jipprova jahrab minn fuq il-post fejn kien sar tenttativ ta' serq wara li kienet daqqet l-alarm tista' titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa kien wiehed mill-persuni involuti fit-tentattiv ta' serq. Dan jinghad ukoll

minhabba l-fatt li l-imputat instab fil-post fis-saghtejn ta' filghodu u f'Industrial Estate, u cioe' post disabitat, u minghajr ebda raguni il-ghala kellu jkun hemm f'dak il-hin. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni li huwa saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 623 minghajr ma kellu id-debita licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirrizultaw pruvati kemm mix-xhieda ta' PC236 Mario Camilleri li qal li meta mar fuq il-post fejn kien sar it-tentattiv ta' serq sab lill-imputat Jonathan Felice qed isuq l-imsemmija vettura u qed jipprova jitlaq minn fuq il-post, jirrizultaw ukoll mix-xhieda ta' Christopher Darmanin, ir-rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji li xehed fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2006 fejn spjega li l-imputat Jonathan Felice ma kellux licenzja tas-sewqan u jirrizultaw ukoll mix-xhieda tal-PL Davina Sullivan li xehdet waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar 2007 fejn ikkonfermat li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 623 ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni fis-7 ta' Gunju 2006 stante li l-polza ta' assikurazzjoni relattiva kienet skadiet fis-26 ta' April 2006.

Il-prova rigwardanti l-imputazzjoni ta' recidiva in kwantu jirrigwarda l-imputat Jonathan Felice ukoll saret permezz tas-sentenza esebita a fol. 157 tal-process.

Ghal finijiet ta' piena fil-konfronti tal-imputat Jonathan Felice, l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u fil-fatt huwa qed jinstab hati li sar recidiv u kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa bl-ebda mod ma kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-fatt li fid-data meta huwa kommetta ir-reati li taghhom huwa qed jinstab hati huwa kellu sbatax-il sena u kien ghalhekk minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat Etienne Mizzi mhux hati tal-imputazzjoni li kkommetta tentattiv ta' serq aggravat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-2 ta' Mejju 2007 u senjatament l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 276, 277,278,

279,325,17, 31 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 15(1) (a) tal-Kap. 65 u 3 (1) (2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Etienne Mizzi hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax(13)-il xahar prigunerija b'effet millum u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax(12)-il xahar millum.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-2 ta' Mejju 2007 u senjatament l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 276, 277,278, 279,325,17, 31 u 37 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat Clayton Fenech hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta sentejn (2) millum.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Jonathan Felice mhux hati tal-imputazzjoni li huwa ftiehem jew accetta li jbiegh jew jixtri vettura minghajr ma avza bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' tat-Trasport u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-2 ta' Mejju 2007 u senjatament l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c) (f), 262, 263, 267, 270, 276, 277, 278, 279,325,17, 31, 37, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1) (a) tal-Kap. 65 u 3 (1) (2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputat Jonathan Felice hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija b'effett millum u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------